# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' Marzu, 2020.**

**Numru 13**

**Rikors numru 506/12 SM**

**Edwards, Lowell Company Limited (C-373)**

**v.**

**Direttur Generali VAT u Kummissarju tat-Taxxi**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-kumpannija attriċi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Novembru, 2014, (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") fil-kawża fl-ismijiet premessi li biha w għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti ċaħdet it-talbiet tal-kumpannija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellanti") u laqgħet l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-intimati (minn issa 'l hemm imsejħa "l-"), u sabet

li l-attriċi appellanti ma ppruvatx il-każ tagħha kif imiss u qatgħetha li għaldaqstant in-nota ta' talba għal ħlas ("*demand notice*") mibgħut lilha mill-appellat Direttur Ġenerali ma tistax titħassar u toħloq fil-konfront titolu eżekuttiv fil-konfront tal-appellanti, u ordnatilha tħallas l-ispejjeż tal-kawża;

2. Illi biex waslet għall-imsemmija deċiżjoni, l-ewwel Qorti ikkunsidrat hekk:

> "*Ikkunsidrat:*
>
> *"8. Illi tirrileva preliminarjament, li ghalkemm issir referenza ghall-allegata lezjoni ta' drittijiet fundamentali tas-socjeta` rikorrenti, (ara paragrafu numru wiehed put erbgha, (1.4.), aktar qabel, u foll 1), din il-vertenza ma tirrigwardax tali analizi stante li l-istess socjeta` rikorrenti tinsisti li l-ewwel qed tittanta tezawrixxi r-rimedju ordinarju b'riserva ta' kull azzjoni ohra lilha spettanti, (ara paragrafu numru wiehed punt hamsa, (1.5.), aktar qabel, ara wkoll (foll 1 u foll 2);*
>
> *"Ikkunsidrat:*
>
> *"9.0. Illi l-fatti li law lok ghall-vertenza in dizamina jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:*
>
> *"9.1. Illi din tirrigwarda r-relazzjoni li s-socjeta` rikorrenti ghandha mal-ligijiet tat-taxxa lokali;*
>
> *"9.2. Illi l-vertenza inizjat wara li d-Dipartiment tal-VAT intima lill-istess socjeta` rikorrenti b'ittra datata t-30 ta' Marzu, 2012, li din kellha taghti lill-istess Dipartiment bilanc ta' €81,871.23 f'taxxa fuq il-valur mizjud, (ara foll 5);*
>
> *"9.3. Illi in vista tal-istess, is-socjeta` rikorrenti inghatat jumejn (2) zmien minn notifika tal-imsemmija ittra biex thallas l-ammont indikat, u dan, a bazi tal-artiklu 59 (2) tal-Kap 406 fuq gia` riferit;*
>
> *"9.4. Illi tali ittra hi ekwivalenti ghal titolu ezekuttiv skont il-ligi;*
>
> *"9.5. Illi l-pagament kumplessiv rikjamat mid-Dipartiment fuq riferit kien jirrigwarda denunzji tat-taxxa tal-istess socjeta` rikorrenti li jikkoncernaw il-perjodu mill-1 ta' Lulju, 2011, sa Settembru, 2011, u*

*mill-1 t'Ottubru, 2011, sa Dicembru, 2011, li t-tnejn kienu sottomessi minghajr ma kienu effettwati pagamenti dovuti mill-istess socjeta` rikorrenti;*

*"Ikkunsidrat:*

*"10.0. Illi s-socjeta` rikorrenti ssostni s-segwenti fir-rigward tal-imsemmija denunzji:*

*"10.1. Illi d-"demand note", senjatament l-ittra datata t-30 ta' Marzu, 2012, hi semplici stima mahruga minn computer ex officio, (ara foll 150);*

*"10.2. Illi l-ammont dovut mill-istess socjeta` rikorrenti lid-Dipartiment de quo jammonta biss ghal cirka €49,000.00, (ara foll 150);*

*"10.3. Illi ghalhekk l-ammont dovut mill-istess socjeta` rikorrenti hu ferm anqas min dak rikjamat;*

*"10.4. Illi di piu`, parti mill-ammont dovut mill-istess socjeta` lid-Dipartiment ghadu qieghed jigi kkontestat mill-imsemmija socjeta` skont il-ligi;*

*"Ikkunsidrat:*

*"11. Illi tenut kont tas-suespost ghandu jirrizulta pacifiku li l-kwistjoni rilevata tirrigwarda kemm l-ammont ta' VAT involuta, kif ukoll il-metodu li bih ghandu jsir il-hlas ta' taxxa involuta;*

*"12.0. Illi fir-rigward ghandu jinghad sintetikament is-segwenti:*

*"12.1. Illi skont l-artiklu 10 tal-Kap 406 tal-imsemmija Ligijiet persuna registrata ghandha thallas l-ammont minnha dovut mhux aktar tard mid-data li fiha ghandha tinghata d-denunzja ghaz-zmien ta' taxxa involut;*

*"12.2. Illi pero` persuna tista` tpaci xi kreditu eccessiv ta' taxxa ghaz-zmien ta' taxxa ta' qabel li ma jkunx thallas ai termini tal-artiklu 24;*

*"12.3. Illi in vista tal-istess, mhux ammissibbli li jittiehdu krediti ta' perjodi ohra biex issir tpacija;*

*"Ikkunsidrat:*

*"13. Illi minn ezami tax-xhieda prodotta jirrizulta li l-intimati de quo qed jippretendu biss ammonti ta' taxxa fuq zewg perjodi ta' denunzji fuq riferiti, li taxxa fir-rigward ghadha ma thallsitx;*

*"14. Illi in-nuqqas ta' kjarezza li tidher ezistenti bejn il-partijiet gia` tifforma parti minn proceduri intavolati quddiem Tribunal appozitu li din il-qorti m'ghandiex gurisdizzjoni fuqhom;*

*"Ikkunsidrat:*

*"15. Illi l-uniku vertenza li taqa` fil-mansjoni ta' din il-qorti hi jekk it-titolu ezekuttiv naxxenti mill-ittra – "demand note" - datata t-30 ta' Marzu, 2012, ghandiex il-vinkolu legali pretiz mill-intimati u kontestat mis-socjeta` rikorrenti;*

*"16. Illi f'dan il-kaz il-procedura inizjata tramite l-imsemmija ittra hi ghal kollox indipendenti mill-azzjoni intavolata quddiem l-imsemmi Tribunal;*

*"17. Illi ghalhekk, iebsa kemm hi iebsa, l-effett tal-istess ittra jibqa` vinkulanti u effettiv ghalkemm irid jigi rilevat li l-ahhar paragrafu tal-istess mhux biss imur kontra l-interess tal-utent li necessarjament irid jiddjaloga mad-Dipartiment de quo, izda jumiljah billi mhux biss jindikalu l-ammont ta' VAT li tkun trid tigi minnu mhallsa, izda jinformah li kemm-il darba jkun irid sodisfazzjon fir-rigward ghandu hu - jekk irid, imur fis-sezzjoni appozita tal-istess Dipartiment jew addirittura jcemplilhom, (ara foll 4);*

*"18. Illi f'dan ir-rigward hi l-fehma ta' din il-qorti li dan m'ghandux ikun hekk;*

*"19. Illi tali burokrazzija tizvela atitudini kemm xejn arroganti fil-konfront tal-"klijent" tad-Dipartiment in dizamina, li wara kollox, stante li ser ikun hu li jhallas l-ammont ta' taxxa rikjamata, ghandu jinghata rendikont preciz fir-rigward anke biex ikun accertat li qed jigi ittrattat ta' "suggett" tad-dritt u mhux t' "oggett" biss;*

*"20. Illi l-aspett burokratiku fir-rigward ghandu ghalhekk jinbidel, isir aktar semplici u iffokat fuq il-klijent tad-Dipartment de quo, biex b'hekk jassigura c-centralita` tat-"tax payer" fis-sistema lokali;*

*"Ikkunsidrat:*

*"21. Illi nonostante s-suespost, ezami tal-fatti kif fuq sintetikament esposti xorta juri li l-intimati agixxew skont il-ligi vigenti*";

3. B'Rikors tal-Appell imressaq minnha fis-27 ta' Novembru, 2014, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-appellanti talbet li din il-Qorti tħassar is-sentenza appellata billi tilqa' t-talbiet tagħha w tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-appellati, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontrihom;

4. Illi b'Risposta mressqa fis-19 ta' Diċembru, 2014, l-intimati appellati laqgħu għall-appell tal-appellanti billi qalu li s-sentenza appellata kienet tajba u għandha tiġi konfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti;

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-appell magħmula mid-difensuri tal-partijiet waqt is-smigħ tal-14 ta' Jannar, 2020;

6. Rat l-atti kollha tal-kawża;

7. Rat id-degriet tagħha li bih ħalliet l-appell għal-lum għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

8. Illi din hija azzjoni għat-tħassir ta' titolu eżekuttiv miksub mill-appellati skond l-artikolu 59 tal-Att Dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud[1] fl-ammont ta' wieħed u tmenin elf, tmien mija wieħed u sebgħin ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€81,871.23) kontra l-appellanti, liema ammont joħroġ min-nota ta' talba ta' ħlas (minn issa 'l hemm imsejħa "n-Nota") li ġġib id-data tat-30 ta' Marzu, 2012[2], u li kienet tirreferi għal żewġ denunzji magħmulin mill-appellanti fil-15 ta' Novembru, 2011 (għall-perjodu bejn l-

[1] Kap. 406
[2] Dok "DG01", f'paġ. 4 tal-proċess

ewwel ta' Lulju, 2011 sal-aħħar ta' Settembru, 2011) u fil-15 ta' Frar, 2012 (għall-perjodu bejn 1 ta' Ottubru, 2011 sal-31 ta' Diċembru, 2011) rispettivament[3];

9. Illi fir-rikors promotur, l-appellanti tgħid li n-Nota ma toħloqx titolu eżekuttiv li jiswa għaliex l-ammont mitlub mhux ċert u dovut billi l-istima li għaliha tirreferi l-istess Nota hija kontestata u tikkostitwixxi l-mertu ta' appell imressaq minnha u liema proċedura għadha *sub-judice*[4]. Tgħid ukoll li l-proċedura li segwa l-appellat Direttur tal-VAT tikser il-jeddijiet fundamentali tagħhom għal smiegħ xieraq kif imħares fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tar-Repubbika ta' Malta, u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Madankollu, l-appellanti iċċarat li din l-azzjoni ma kinitx maħsuba bħala waħda ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali, imma kienet it-teħid ta' rimedju ordinarju qabel ma tqis jekk ikunx meħtieġ tirrikorri għal proċediment bħal dak;

10. Illi l-appellanti qajmet **żewġ aggravji** mis-sentenza appellata. L-ewwel aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-appellanti tisħaq li l-ewwel Qorti għamlet żball ta' liġi meta qieset l-aġir ta' l-appellati bħala konformi mal-liġi. Fi kliemha, l-appellati kisru l-artikolu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 112 tal-Kodiċi Kriminali meta talbuha tħallas aktar minn dak li fil-fatt kien

[3] Dok "KV1", f'paġ. 30 tal-proċess
[4] Riferenza għall-App. (T.R.A.) Nru. 91/12GV imħolli S.I.D.O. għat-2.6.2020

dovut minnha. Iżżid tgħid li, ladarba matul is-smigħ tal-kawża, l-appellati stqarrew li l-ammont dovut huwa inqas minn dak mitlub fin-Nota, iż-żamma tat-titolu eżekuttiv għall-ammont imsemmi f'dik in-Nota ġġib ksur tal-liġi. Tgħid ukoll li la darba kien hemm kontestazzjoni għaddejja quddiem it-Tribunal ta' Revizzjoni Amministrattiva (minn issa 'l hemm imsejjaħ 'it-Tribunal'), in-Nota ma messha nħarġet qatt. Fit-tieni aggravju, l-attriċi appellanti tikkontesta l-apprezzament tal-provi li l-ewwel Qorti għamlet meta ġiet biex tagħti s-sentenza appellata. B'mod partikolari, tgħid li l-ewwel Qorti injorat il-prova li l-ammont dovut lill-appellati huwa ferm anqas dak pretiż fin-Nota;

11. Illi l-appellati jilqgħu għal dawn l-aggravju billi jiċħdu x-xiljiet attriċi w jgħidu li mill-provi jirriżulta mod ieħor. Jgħidu li l-artikolu 59 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta ma jillimitax meta l-Kummissarju jista' joħroġ nota ta' talba ta' ħlas, u l-fatt li hemm proċeduri quddiem it-Tribunal, ma jnaqqasx mill-obbligu li l-Kummissarju appellat għandu li jiġbor id-dħul fiskali tal-Gvern ta' Malta. Jixlu lill-appellanti b'aġir fieragħ u jitolbu li l-Qorti taqta' l-appell kontra tagħha, inkluż li tapplika d-dispożizzjonijiet taħt l-artikolu 229(9)[5] tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili;

12. Illi din il-Qorti tibda biex tqis l-ewwel aggravju, u tirrileva li l-qofol tal-azzjoni attriċi kien il-kontestazzjoni tas-siwi tan-Nota bħala titolu

[5] *Recte:* art. 223(4) tal-Kap 12

eżekuttiv. Il-liġi nnifisha tgħid li nota bħal dik li turi l-ammont u penali amministrattiva dovuta minn persuna hija xhieda biżżejjed li l-ammont huwa dovut (sakemm ma tinġabx prova mod ieħor) u għandha s-saħħa ta' titolu eżekuttiv[6]. Ta' min jgħid li, f'dan il-każ, ma tressqet l-ebda prova li l-appellati kienu eżegwew l-imsemmija Nota bil-ħruġ ta' att ġudizzjarju, kif titlob il-liġi[7];

13. Illi s-sentenza appellata sabet favur l-appellati għaliex qieset li l-mod kif inħarġet in-Nota ma sarx bi ksur tal-liġi. Minkejja li qieset li kien hemm nuqqasijiet burokratiċi, dawn ma kinux biżżejjed biex iwaqqgħu s-siwi tan-Nota u lanqas kien ta' xkiel għall-ħruġ tagħha l-fatt li bejn l-appellanti u d-Dipartiment għaddejjin proċeduri quddiem it-Tribunal[8]. Dan qalitu minkejja li, matul iż-żmien li kienet miexja l-kawża, tressqet il-prova li l-ammont pretiż mill-Kummissarju appellat fin-Nota kien anqas minn dak mitlub fl-istess Nota;

14. Illi l-Qorti ssib ladarba rappreżentant tad-Dipartiment innifsu stqarr li, wara l-ħruġ tan-Nota, l-ammont dovut mill-appellanti naqas għal disgħa u erbgħin elf ewro (€49,000)[9], l-appellati ma għamlux fis-sewwa meta żammew fis-seħħ titolu eżekuttiv għall-ammont sħiħ mitlub fin-Nota minkejja li t-tnaqqis sar fuq is-saħħa ta' dokumenti li l-appellanti ressqet

[6] Art. 59(1) tal-Kap 406
[7] Art. 59(2) tal-Kap 406
[8] Sentenza appellata §§ 16 u 17
[9] Ara x-xhieda ta' Joseph Attard f'paġ. 146 tal-proċess

lid-Dipartiment wara li nħarġet tan-nota ta' talba ta' ħlas u wara l-ftuħ ta' din il-kawża[10];

15. Illi l-Qorti tqis ukoll li l-kwestjoni pendenti bejn l-appellanti u d-Dipartiment quddiem it-Tribunal tirreferi għal perjodi ta' denunzji li jmorru lura għall-2004 u n-Nota tirreferi għal denunzji dwar żmien li ma jiffurmax il-mertu ta' dik il-kwestjoni pendenti[11]. F'kull każ, għar-rigward ta' proċeduri ġudizzjarji pendenti quddiem it-Tribunal, ingħad minn din il-Qorti[12] li nota ta' talba ta' ħlas tinħareġ kemm-il darba ma jkunx hemm kontestazzjoni pendenti fuq l-ammont mitlub. Dan jgħodd meta appell ikun inqata', jew ikun laħaq għadda ż-żmien li fih seta' jitressaq appell. Dan jindirizza l-argument imressaq mill-intimati appellati meta jgħidu li l-artikolu 59(1) tal-Att ma jillimitax iċ-ċirkostanzi meta l-Kummissarju jista' joħroġ in-nota ta' talba ta' ħlas, u l-fatt li hemm proċeduri quddiem it-Tribunal ma jnaqqasx mill-obbligu li jaqa' fuq il-Kummissarju appellat li jiġbor id-dħul fiskali dovut lill-gvern ta' Malta. Matul is-smigħ tal-kawża quddiem l-ewwel Qorti, l-appellanti ma ressqitx provi li juru li hija kienet appellat fiż-żmien li tagħtiha l-liġi mit-talba magħmula mid-Direttur appellat fin-Nota tiegħu;

[10] Ara f'dan is-sens App Ċiv. **18.7.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, illum Kummissarju tat-Taxxi vs Adrian Borg pro et noe***

[11] Ara x-xhieda ta' Joseph Attard f'paġġ. 146 u 147 tal-proċess

[12] App Ċiv. **26.4.2013** fil-kawża fl-ismjiet ***Victor Żammit vs Kummissarju għat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud***

16. Illi bla ma din il-Qorti tidħol fuq eżami tat-tifsira li għandha tingħata l-liġi dwar it-tpaċija li tissemma fl-artikolu 21(1) tal-Kapitolu 406, jidher ċar li l-appellanti ma tistax tistrieħ fuq dik il-pretensjoni biex twaqqa' s-siwi tan-Nota u l-effetti tagħha bħala titolu eżekuttiv. B'mod partikolari, il-fatt waħdu li għad hemm kontestazzjoni mad-Dipartiment u li dwarha t-Tribunal għad irid jagħti d-deċiżjoni tiegħu, jagħmilha impossibbli li sseħħ it-tpaċija. Ukoll kieku l-artikolu 21 tal-Att kellu jingħata t-tifsira li trid l-appellanti, kull tpaċija li hija tippretendi tista' ssir biss dwar somom li huma likwidi u li jistgħu jintalbu[13]. Fl-aħħarnett, il-Qorti tqis li n-Nota nħarġet għaliex, meta l-appellanti bagħtet id-denunzji, ma bagħtitx magħhom ukoll il-ħlas tat-taxxa li hija nnifisha iddikjarat li kienet dovuta għal dak iż-żmien kopert mid-denunzji;

17. Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li l-ewwel aggravju tal-appellanti mhuwiex mistħoqq u mhux se jintlaqa';

18. Illi dwar it-tieni aggravju, il-Qorti tqis li għalkemm fil-waqt li nħarġet in-Nota, l-ammont ta' taxxa dwar il-Valur Miżjud kienet dik li ssemmiet fin-Nota, matul iż-żmien li kienet miexja l-kawża quddiem l-ewwel Qorti l-ammont li d-Dipartiment kellu jedd jitlob mingħand l-appellanti bis-saħħa tal-istess Nota kien niżel. Dan il-fatt kien pruvat bix-xhieda nnifisha ta' rappreżentant innifsu tal-istess Dipartiment. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dik

[13] Art. 1197 tal-Kap 16

il-prova tikkostitwixxi sewwasew "il-prova kuntrarja" li jsemmi l-artikolu 59(1) tal-Att. B'daqshekk, is-saħħa ta' titolu eżekuttiv li n-Nota ġabet magħha ma jinġabx fix-xejn, imma l-ammont li jista' jintalab b'dak it-titolu jinbidel żgur. Din il-Qorti għaldaqstant tqis li l-ewwel Qorti naqset meta ma semmietx dan it-tnaqqis;

19. Illi dan iwassal lill-Qorti għall-fehma li t-tieni aggravju għandu mis-sewwa fl-ewwel parti tiegħu, u ssib li t-titolu eżekuttiv li kiseb il-Kummissarju appellat bis-saħħa tan-Nota jiswa biss sal-ammont ta' disgħa u erbgħin elf ewro (€49,000);

20. Illi mill-mod kif saru t-talbiet attriċi fir-rikors promotur, l-appell ma jistax jintlaqa' għaliex l-azzjoni kienet maħsuba li ġġib it-tħassir għal kollox tan-Nota, u ntwera li dan ma huwiex mistħoqq. Madankollu, din il-Qorti tqis li s-saħħa tan-Nota bħala titolu eżekuttiv tgħodd biss sal-ammont imsemmi fil-paragrafu ta' qabel dan ta' din is-sentenza;

**Decide:**

21. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell billi:

**Tiċħad l-appell** mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Novembru, 2014, fil-kawża fl-ismijiet premessi, u tikkonferma l-istess sentenza, b'dan illi tiddikjara illi t-titolu eżekuttiv miksub bis-saħħa tan-Nota taħt l-artikolu 59 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud jiswa biss sal-ammont ta' disgħa u erbgħin elf ewro (€49,000); u

**Tordna** li l-**ispejjeż tal-appell** jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet, filwaqt li l-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif determinati fis-sentenza appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr